// Parroċċa Qalb Bla Tebgħa Ta’ Marija

# BURMARRAD

Tel: 21573045/ Fax:21578118
www. parroċċaburmarrad.com
email:kappillan@parroccaburmarrad.com

**LEĦEN IL-PARROĊĊA - Novembru 2011 - Nru. 349**

Għeżież,

M’hijiex l-ewwel darba li qiegħed niltaqa’ magħkom permezz ta’ dan il-fuljett parrokjali. Ilkoll tafuni peress li erba’ snin ilu kont ukoll fostkom bħala r-ragħaj spiritwali tagħkom.

Erġajt fostkom bil-ferħ u l-entużjażmu sabiex inkomplu l-ħidma parrokjali b’risq il-parroċċa. Għażilt bħala motto parrokjali għal dawn l -erba’ snin li ġejjin 2011-2015 vers minn San Luqa l-Evangelista (Lq2, 51), ‘KOLLOX F’QALBHA’. Inpoġġu kollox f’qalb Marija: il-ferħ, in-niket, is-suċċessi, il-fallimenti, il-weġgħat,..nerħu kollox f’qalbha, hi li hi l-patruna tal-Parroċċa tagħna, sabiex hi tkompli tmexxina bħala familja parrokkjali lejn il-Qalb ta’ Binha Gesu’.

Nawgura għalhekk minn issa lil kulħadd sabiex inpoġġu ‘kollox f’qalbha’, għax kif jafna Gesu’, tafna hi ukoll. Nixtieq ukoll li f’dan il-parrokat napprofondixxu aktar fil-fond il-figura u t-tagħlim tal-Beatu l-Papa Gwanni Pawlu 2, li fil-bidu tal-papat tiegħu, fl-1978, ikkonsagra lid-dinja lill-Qalb bla Tebgħa ta’ Marija, u stedinna biex niftħu qalbna u nintelqu f’idejn Alla bla biża’.

Fl-aħħarnett, nirringrazzja lil ex Kappillan, P. Donald Bellizzi u lil P. William Bartolo tax-xogħol li wettqu fostkom f’dawn is-snin, u lil P. Guido Muscat, li ser jibqa’ jifforma parti minn din il-Komunita’ flimkien miegħi u ma’ P. Gorg Buttigieg. ‘Il quddiem se jkollna membru ieħor li se jitħabbar meta jkun il-waqt.

Grazzi u itolbu għalina, sabiex inkomplu nkunu ta’ ġid spiritwali għal parroċċa kollha.

Tkunu mberkin!
P. Joseph Mamo ofm Conv.

# Ħsieb Spiritwali

## GĦANNAQNI MIEGĦEK…..INKELLA

*(meħud mill-istejjer tal-Patri ta' Patri Piju Sammut)*

L-Abba Gwanni kien qiegħed jagħmel is-sinossi meta qal lid-dixxipli tiegħu din il-parabbola.

Darba kien hemm waħda mara tat-triq. Kienet ilha s-snin tagħmel dan ix-xogħol. Mela darba tiltaqa' ma' wieħed raġel sabiħ u sinjur li malli raha mill-ewwel iġġennen fuqha. Ħabbha ħafna. Xtaq jiżżewwigha. Qalilha bil-proposta tiegħu. Hija, mbellha qaltlu: 'Ma tarax?! Mela ma tafx jien min jien?' Imma huwa kompla jinsisti: 'Iva naf min inti, imma nħobbok ħafna. Ma nistax ngħix mingħajrek. Nixtieq niżżewġek'. 'Imma jiena mara maħmuġa', kompliet tinsisti hija….'Tibżax, l-imħabba tiegħi tagħmlek nadifa', tenna dan il-ġuvni sabiħ u għani.

Din il-mara bilkemm riedet temmen lil xortiha. Fl-aħħar aċċettat u żżewġu. Bnielha dar il-ġmiel tagħha, ma kien iħalliha nieqsa minn xejn. Anzi kien jipprova jantiċipa l-bżonnijiet tagħha. Kien iħobbha wisq!

Imma l-irġiel tar-raħal ma rrassenjawx ruħhom daqshekk malajr. Tilfu mara għal-logħob u l-gosti tagħhom. 'Hemm bżonn li nerġgħu nirbħuha lura', qalu. 'Wara kollox, din il-mara, prostituta kienet u prostituta baqgħet anki jekk iżżewġet. Gisimha, qalbha, il-passjonijiet fiha għadhom ibaqbqu bħal qabel…' Allura ftiehmu li jmorru jippruvaw iħajruha għall-ħajja ta' qabel. Ma ażżardawx imorru mill-bieb ta' quddiem. Marru minn wara u bdew isaffrulha bħal ma kienu jagħmlu qabel, meta kien ikollhom bżonnha…..

Din il-mara semgħethom. U ħassitha mċarrta minn ġewwa. Għax kien veru dak li ħasbu l-irġiel tar-raħal fuqha – ġisimha kien għadu jixgħel bil-passjonijiet ta' qabel. Imma min-naħa l-oħra ma setgħetx tinsa dak li r-raġel tagħha għamel għaliha, minn liema ħama kien qalagħha. Kien hu li kien reġa' taha lura d-dinjita' tagħha ta' mara. Sabet ruħha mġebbda bejn il-passjoni u l-gratitudni. 'X'se nagħmel?' Ħaġa waħda

biss setgħet tagħmel biex issalva. Telqet tiġri fil-kamra tas-sodda fejn kien hemm ir-ragel tagħha, bdiet tħaddnu u tgħidlu bid-dmugħ f'għajnejha: 'Għannaqni, għannaqni miegħek, ħobbni li ma mmurx nittradik!'

Din hija l-problema ta' ħajjitna. Il-mara tat-triq hija aħna li ħafna drabi waqajna fid-dnub. Imma jum wieħed iltaqa' magħna raġel sabiħ u għani minn Nazaret. Jismu Ġesu' Kristu. Dan ir-raġel iġġennen fuqna u ried jiżżewwiġna. Ried jgħix l-avventura ta' l-imħabba magħna. Avventura ta' intimita'. Ovvjament ix-xjaten se jagħmlu minn kollox biex joħorġuna mid-dar ta' Ġesu' u jerġgħu iwaqqgħuna fid-dnub. Jekk irridu nsalvaw ħaġa waħda hemm x'nagħmlu. Immorru nitgħannqu miegħu.

X'ħasra li qegħdin nitgħannqu u niggranfaw ma' kollox barra miegħu.

**Iva, uliedi,**

**iggranfaw miegħu.**

**U titilquhx.**

**QATT.**



# Ħajja u Ħidma -- Novembru 2011

**It-Tlieta 1:** **Solennita' tal-Qaddisin Kollha**
11.30am Mil-llum jibda l-quddies kull jum Fiċ-Ċimiterju.

**L-Erbgha 2:** **Jum il-Mejtin Kollha**
Fis-6.15pm Konċelebrazzjoni mill-Komunita' bis-sehem tal-Kor Parrokjali Ħlewwa ta' Marija

**Il-Ħamis 3**: Adorazzjoni fis-Seminarju tal-Virtu' Rabat.

**Il-Gimgha 4:** **L-Ewwel Gimgha tax-xahar**. Ingeddu l-konsagrazzjoni tagħna lill-Qalb ta' Ġesu'.

**Is-Sibt 5:** **L-ewwel Sibt tax-xahar.** Inġeddu l-Konsagrazzjoni tagħna lill-Qalb Bla Tebgha ta' Marija. Fil-5.15 Adorazzjoni b'riparazzjoni għall-offizi li jsiru lill-Qalb ta' Ġesu' u l-Qalb ta' Marija.

**Il-Hadd 6:** Illum ma jkunx hemm quddiesa fil-11.30am fiċ-ċimiterju. Fl-4.00pm tiġi ċċelebrata quddiesa u jsir it-tberik u l-inċensar taċ-Ċimiterju. F'kaz ta' mal temp, iċ-ċelebrazzjoni ssir fil-Parroċċa ta' Burmarrad. Il quddiesa tas-6.15pm issir l-istess fil-parroċċa.

**L-Erbgħa 9:** Fis-7.00 fiċ-Ċentru Parrokjali ssir laqgħa tal-Kunsill Parrokjali, kummissjonijiet u membri u għaqdiet tal-paroċċa

**Il-Hadd 20:** **Solennita' ta' Kristu Re.** Fl-10.30 laqgħa tal-Grupp Familji Nsara

**L-Erbgħa 23:** Quddiesa u Buffett Breakfast fir-Riviera Hotel, il-Marfa. Biljetti mingħand il-helpers tas-soltu.

**Il-Hadd 27:** L-Ewwel Ħadd ta' l-Avvent

# Verbum Dei Caro Factum Est

**50 sena - Museum -**
**San Pawl il-Baħar**
**1961-2011**



**Nifirħu u nirringrazzjaw lil Alla tal-50 sena li s-soċjeta' tal-Muzew qdiet u għadha taqdi l-missjoni tagħha.**
**Ħafna minnkom ibbenefikaw u għadhom jibbenefikaw minn dan it-tagħlim. Grazzi!**

**'It-Tagħlim tajjeb huwa l-għajn ta' kull Ġid'**
**San Gorg Preca**

# FORMAZZJONI TAGĦNA U TA' ULIEDNA

## Gaddafi......u jien?

Għadna kif assistejna għal tmien xhur ta’ gwerra kiefra fil-Libja, li rat eluf imutu inturtament u eluf oħra jbatu tbatija kerha u krudili, sakemm ħmistax ilu l-aħbar li Gaddafi ġie maqtul ġriet mal-erbat irjieħ tad-dinja bħal-leħħa ta’ berqa. Ħafna ħassewhom sodisfatti li fl-aħħar dan id-dittatur ħa dak li kien ħaqqu, waqt li oħrajn qalu li xtaqu li kieku ħallas prezz aktar qares u fit-tul għal dak li għamel. Kienu ftit ħafna dawk li qalu li ma qablux li Gaddafi kellu jinqatel.

Wara li kelli ċans nirrifletti ftit dwar dak li ġara u l-opinjoni tal-maġġoranza tan-nies irrealizzajt kemm aħna l-bnedmin kapaċi nqarqu bina nfusna. Dan ta’ Gaddafi ukoll huwa qtil u bħala nsara ma nistgħux napprovaw minn dan il-qtil. Il-qtil qatt ma jista’ jitqies ġustizzja. Tajjeb li ssir il-ġustizzja iżda l-qtil qatt ma jista’ qatt ikun ġustiifikat. Il-kmandament “La toqtolx” jgħodd għal kulħadd, u iva, anke għal Gaddafi.

Ħsibt ukoll f’kemm tfal ta’ kull eta’ kienu xhieda ta’ din il-gwerra u ta’ dan il-qtil brutali ta’ Gaddafi. Forsi aħna għaddejjin minn ħaġa għall-oħra bit-televixins mixgħulin fil-kmamar tad-djar tagħna waqt li uliedna qed jieħdu  l-kollazzjon, u bil-gazzetti mifruxin fuq l-imwejjed tal-ikel ftit naħsbu dwar il-messaġġi li qed jiġu mgħoddija lil uliedna.

F’dan il-każ il-messaġġ li wasal lil ħafna tfal kien li ċertu persuni jistħoqqilhom jiġu maqtula – li f’ċertu sitwazzjonijiet ma jimpurtax li bniedem joqtol ieħor; li f’ċertu sitwazzjonijiet il-bniedem jista’ jagħmilha t’Alla u jiddeċiedi li bniedem ieħor għandu jmut.

U ħsibt dwar din ix-xewqa fil-bniedem li jagħmel vendetta minn ħaddieħor u jilgħabha ta’ mħallef. Bl-ebda mod ma rridu ninsew it-tbatija kbira li l-poplu Libjan għadda minna taħt Gaddafi, iżda naħseb li minn meta bdiet il-gwerra Gaddafi sar personifikazzjoni tal-ħażen

kollu tad-dinja, u għajnejn kulħadd waqfu fuqu. Iżda hawn ħafna mexxejja oħra f'pajjiżi diversi li qed jaħqru l-popli tagħhom daqskemm ħaqar lill-Libjani Gaddafi. Id-dinja ma tagħmel xejn dwar dawn il-mexxejja – jew kien minħabba li fil-Libja hemm daqstant riżorsi naturali illi kull pajjiż ieħor interessah kif kienu se jiżvolġu l-affarijiet f'dan il-pajjiż?

U ħsibt ukoll f'diversi persuni oħra li fuq skala iżgħar huma wkoll ikunu id-dittaturi ta' dawk ta' madwarhom. Ħsibt f'dawk l-imgħallmin li forsi jaħqru lil dawk li jimpjegaw, u ma jurux ġustizzja magħhom. Ħsibt f'oħrajn li qegħdin f'pożizzjoni tat-tmexxija u jippretendu li dawk li jmexxew jagħmlu dak li qed jgħidu huma mingħajr ma jispjegawlhom ir-raġunijiet għall-ordnijiet tagħhom. Tista' tkun ġenitur u qed tagħmilha ta' dittatur ma' wliedek, u tista' tkun żewġ xi ħadd u martek tħossha qed tgħix f'terrur miegħek aktar milli kienu jħossuhom il-Libjani taħt Gaddafi.

Mela naħseb li qabel ma nippuntaw subgħajna lejn Gaddafi u ngħidu li ħa dak li ħaqqu, tajjeb li nħarsu ftit madwarna u lejn ir-ruħ tagħna u nagħmlu wkoll eżami tal-kuxjenza, li ma jmurx bla ma għadna ndunajna aħna wkoll għandna Gaddafi żgħir jikber ġewwa fina!

Daniella Zerafa



# Tajjeb Tkun Taf



- Dawk li jixtiequ appuntament mal-kappillan jistgħu jikuntatjawh fuq il-mobile numru: 99457234 jew permezz tal-email: frjoemamo@gmail.com

- Infakkru lil dawk li jixtiequ jifurmaw parti mill-kumitat tal-festa biex jieħdu ħsieb jikkuntat-jaw lill-kappillan

- Infakkru li l-librerija ser tibqa' tkun miftuħa s-sibtijiet filgħodu bejn id-9.00 u l-12.00.

- Il-Kapella tas-Sagrament tibqa' tkun jiftuħa kull nhar ta' ħamis bejn id-9.00 u l-12.00.